

Brussell, 21 ta' Novembru 2025
(OR. en)

15782/25

COMPET 1218
MI 940

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	<i>Tħejija tal-Kunsill (Kompetittività (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju)) fit-8 ta' Diċembru 2025</i> Kummerċ elettroniku: Sfidi b'rabta mal-konformità tal-prodotti u l-infurzar - <i>Skambju ta' fehmiet</i>

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża nota tal-Presidenza dwar "Kummerċ elettroniku: Sfidi b'rabta mal-konformità tal-prodotti u l-infurzar" bil-ħsieb ta' skambju ta' fehmiet fil-Kunsill Kompetittività tat-8 ta' Diċembru 2025.

DOKUMENT TA' DISKUSSIONI**Laqgħa tal-Kunsill Kompetittività****Brussell, 8 ta' Diċembru 2025***Kummerċ elettroniku: Sfidi b'rabta mal-konformità tal-prodotti u l-infurzar*

Matul l-aħħar deċennji, id-drawwiet tal-konsumaturi u l-prattiki kummerċjali Ewropej u globali nbidlu b'mod sinifikanti. Is-settur tal-kummerċ elettroniku esperjenza tkabbir notevoli u sar komponent ċentrali tal-ekonomija globali, li biddel b'mod fundamentali kif jinxtraw u jinbiegħu l-oġġetti fl-UE u fil-bqija tad-dinja. Fl-2022, daħlu fl-UE 1.4 biljun pakkett ta' valur baxx (sa EUR 150) minn pajjiżi terzi, li żdiedu b'mod sinifikanti għal 4.6 biljun fl-2024¹. L-espansjoni rapida tal-kummerċ elettroniku kixfet diversi sfidi regolatorji li jheddu l-koeżjoni u l-funzjonament tas-Suq Uniku. Waħda mill-isfidi ewlenin hija relatata mal-proliferazzjoni ta' prodotti illegali u mhux konformi li jidħlu fl-UE minn pajjiżi terzi u l-possibbiltajiet u l-kundizzjonijiet għall-awtoritajiet biex jinfurzwaw il-konformità f'setturi differenti.

Ammonti kbar tal-prodotti offruti fis-swieq online, mibgħuta direttament lill-konsumaturi fl-UE minn pajjiżi terzi, ma jissodisfawx l-istandards u l-leġiżlazzjoni meħtieġa². B'obbligi limitati biex tiġi żgurata l-konformità, is-swieq online jaġixxu bħala portal għall-bejjieġħa ta' pajjiżi terzi biex jintroduċu l-prodotti tagħhom fis-Suq Uniku mill-bogħod mingħajr importatur tradizzjonali b'obbligi li jiżguraw il-konformità.

¹ Strateġija għas-Suq Uniku: Skont id-data ta' sorveljanza tal-UE, 4.6 biljun kunsinna ta' valur baxx (sa EUR 150) ġew importati fl-UE fl-2024. Dan huwa kważi d-doppju tan-numru rreġistrat fl-2023 (2.4 biljun), u aktar mit-triplu mill-2022 (1.4 biljun).

² Strateġija għas-Suq Uniku: Fost il-prodotti elenkati fuq pjattaforma tal-kummerċ elettroniku kbira u magħrufa sew matul verifika minn organizzazzjoni tal-konsumatur, kważi l-prodotti kollha ttestjati f'kategoriji bħal elmi, kożmetiċi, ġugarelli u gadgets, xemgħat u sponoż, prodotti elettriċi u konnessi jew kienu perikolużi, ma pprovdewx l-informazzjoni meħtieġa bħal struzzjonijiet ta' sikurezza jew listi ta' ingredjenti, u/jew kien fihom dikjarazzjonijiet ħżiena.

Is-sistema ta' infurzar attwali mhijiex kapaċi biżżejjed biex timmaniġġja l-volum kbir ta' prodotti li jidħlu minn pajjiżi terzi³. L-importazzjonijiet tal-kummerċ elettroniku qed jagħmlu pressjoni fuq ir-riżorsi diġà limitati taż-żewġ linji ta' difiża tal-UE — l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq (MSAs). In-negozji konformi Ewropej jitħallew fi żvantaġġ kompetittiv peress li jonfqu dejjem aktar riżorsi biex jiżguraw il-konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-volum li qed jisplodi ta' prodotti li mhumiex sikuri jew li mhumiex konformi jista' jwassal għal riskji serji għas-saħħa u s-sikurezza għall-konsumaturi u għandu impatt negattiv fuq l-ambjent u l-kompetittività tal-UE.

Matul l-aħħar għaxar snin, gradwalment ittieħdu miżuri biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-kummerċ elettroniku f'diversi leġiżlazzjoni relatata, b'mod partikolari l-Att dwar is-Servizzi Diġitali, ir-Regolament dwar is-Sorveljanza tas-Suq u r-Regolament dwar is-Sikurezza Ġenerali tal-Prodotti. Madankollu, il-kwistjonijiet fil-kummerċ elettroniku jippersistu u l-isfidi jikbru kontinwament biż-żieda kostanti fl-għadd ta' prodotti li jidħlu fl-Unjoni minn pajjiżi terzi.

Il-Kummissjoni indirizzat ripetutament l-isfidi dejjem jikbru fil-kummerċ elettroniku matul din is-sena. Fi Frar, ġiet ippreżentata l-Komunikazzjoni dwar il-Kummerċ Elettroniku, li tikkostitwixxi Sett ta' Għodod komprensiv tal-UE għal kummerċ elettroniku sikur u sostenibbli. Il-Komunikazzjoni ddeskriviet l-approċċ tal-Kummissjoni biex jiġu indirizzati l-isfidi ppreżentati mill-kummerċ elettroniku, b'enfasi fuq il-ħtieġa ta' approċċ olistiku u kkoordinat tajjeb mill-awtoritajiet tal-infurzar, sensiela ta' bidliet strutturali fil-leġiżlazzjoni eżistenti, kif ukoll l-infurzar robust tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE li tiproteġi lill-konsumaturi online, inkluż l-infurzar tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali.

³ Strateġija għas-Suq Uniku: Il-volum enormi ta' prodotti li jidħlu fis-Suq Ewropew mill-kumpliment tad-dinja jagħmilha impossibbli li tiġi żgurata konformità sħiħa permezz ta' kontrolli doganali u tas-sorveljanza tas-suq. Skont l-aħħar rapport tad-DĠ TAXUD dwar il-konformità tal-prodotti, ġew spezzjonati biss 82 prodott minn miljun, 51 ġew sospiżi mill-awtoritajiet doganali għal tħassib dwar il-konformità jew is-sikurezza tal-prodotti, u 13 biss ġew irrifjutati għad-dħul fl-UE (<https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/ea5db20e-840f-11f0-9af8-01aa75ed71a1/language-en>).

Aktar tard, ġiet ippreżentata l-Istrateġija tas-Suq Uniku, li tenfasizza kwistjonijiet fil-kummerç elettroniku, regoli dwar il-prodotti li ma għadhomx validi u n-nuqqas ta' konformità tal-prodotti bħala wieħed mill-aktar ostakli dannużi u persistenti għan-negozji fl-UE. Biex issolvi dawn il-kwistjonijiet, il-Kummissjoni identifikat bħala soluzzjoni possibbli l-istabbiliment ta' Awtorità tas-Sorveljanza tas-Suq tal-UE għdida kif ukoll l-immodernizzar u d-diġitalizzazzjoni tal-qafas tal-leġiżlazzjoni dwar il-prodotti. Barra minn hekk, il-proposta għal Riforma Doganali tal-UE, li bħalissa qed tiġi nnegozjata mal-Parlament Ewropew, li dwarha ntlaħaq qbil proviżorju fil-Kunsill, tista' tilħaq qbil politiku inkluż dwar it-tneħħija tal-limitu ta' eżenzjoni mid-dazju doganali ta' EUR 150 maħsub biex isolvi għadd ta' kwistjonijiet bi prodotti illegali minn pajjiżi terzi. Barra minn hekk, il-Kummissjoni dan l-aħħar ippreżentat l-idea ta' Att Ewropew dwar il-Prodotti, li huwa mistenni li jinkludi proposti għar-reviżjoni tar-Regolament dwar is-Sorveljanza tas-Suq, il-Qafas Leġiżlattiv il-Ġdid u r-Regolament dwar l-Istandardizzazzjoni. Permezz ta' din l-inizjattiva, il-Kummissjoni għandha l-għan li tindirizza l-kwistjonijiet fil-kummerç elettroniku u n-nuqqas ta' konformità tal-prodotti.

B'dan il-ħsieb, nitolbu lid-delegazzjonijiet jikkunsidraw il-mistoqsijiet li ġejjin għad-diskussjoni tal-Kunsill Kompetittività:

1. X'miżuri addizzjonali għandhom jittieħdu fil-qasam tal-kummerç elettroniku fil-livell nazzjonali jew fil-livell tal-UE biex jiġu protetti l-konsumaturi, jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti u tissaħħaħ il-kompetittività tan-negozji Ewropej?
2. X'nistgħu nagħmlu biex intejbu l-koordinazzjoni u nsaħħu l-infurzar fi ħdan il-qafas regolatorju eżistenti biex nindirizzaw aħjar l-isfidi ppreżentati mill-espansjoni tal-kummerç elettroniku? Sa liema punt huma meħtieġa miżuri leġiżlattivi ġodda biex jissolvew il-kwistjonijiet dejjem jikbru tal-kummerç elettroniku, eż. li s-swieq online jingħataw aktar responsabbiltà għall-prodotti mibjugħa fuq il-pjattaformi tagħhom?